# TISWIR TA' KLIEM ĠDID

## II. VERBI

*F'Leħen il-Malti* ta' Lulju (faċċ. 71) urejt kif nistgħu noħorġu verbi ġodda minn kliem li għandna. Il-lum sa nsemmi fuq għamla oħra ta' verbi li nistgħu nsawwru minn kliem ieħor.

Mill-aġġettiv *dgħif* nistgħu nagħmlu l-verb *dagħaf, jidgħaf* li jfisser *sar dgħif, debbli, bla saħħa.* Hekk nistgħu ngħidu: *Narah jidgħaf bis-sigħat; naħseb li għandu xi marda fuqu.* U minn *dagħaf* nistgħu noħorġu l-verb *dâgħaf* (flok *dagħgħaf)* n ngħidu: *Il-marda dâgħfitni wisq, ma nistax nieħu ruħ.*

Għandna l-verb *għallem* u *tgħallem*, iżda ma għandniex *għalem, jagħlem.* Għax ma ndaħħluhx ukoll fil-kitba? Bosta drabi nistgħu ngħaddu mingħajru u ninqdew bil-verb *jaf, kien jaf*; hekk flok: *jien nagħlem* ngħidu *jien naf,* li jfisser ħaġa waħda. Iżda l-verb *jaf* ma jistâx jaqdina f'kollox. *Jaf* ifisser ħaġa ta' issa; *kien jaf* ifisser ħaġa tal-imgħoddi, imma ħaġa li ddum xi żmien; biex nfissru ħaġa tal-imgħoddi imma li ssir f'ħin wieħed il-verb *jaf* ma jaqdiniex. Nisselfu l-verb *għaraf?* Imma bejn *jaf* u *jagħraf* hemm qabża li kullħadd iħossha. Għalhekk jekk irridu niktbu bir-reqqa, jkollna ninqdew bil-verb *għalem* kull meta ma nistgħux ninqdew bil-verb *jaf* Bħalma fit-taljan ma nistgħux ngħidu *egli sapeva* flok *egli seppe*, hekk ukoll lil-Malti ma nistgħux ngħidu: *kien jaf* flok *għalem.* Mela għandna ngħidu *għalem* kull meta *kien jaf* ma jfisserx tajjeb il-ħsieb tagħna; bejn *jagħlem* u *jaf* l-għażla f'idejna.

Għandna wkoll *sellem* imma ma għandniex *silem.* CARUANA jsemmih fid-Dizzjunarju bħala verb li ftit u xejn jimxi *Sellem* ifisser *tixtieq is-sliem* u *sliem* ifisser *ġid, riżq, ħajr.* Mela *Silem* ifisser *kien tajjeb, kellu l-ġid, ir-riżq, is-sliem.* Hekk nistgħu ngħidu: *it-tajjeb dejjem jislem jekk mhux f'did-dinja, fl-oħra.*

Minn *żgħir* nistgħu nagħmlu l-verb *żagħar* u ngħidu: *Iż-żgħar jixtiequ jikbru u l-kbar jixtiequ jiżagħru.* Il-ħtieġa ta' dal-verb ma nħossuhiex wisq għax għandna l-verb *ċkien* li jfisser bħalu. Iżda *ċkejken* u *żgħir* jixxiebħu imma ma jaqblux fit-tifsir tagħhom.

S'issa qegħdin biss nuru t-triq lill-kittieba ż-żgħażagħ. Biex naqbdulhom f'idhom u mmexxuhom ukoll f'din it-triq wegħrija, nħajjruhom li jibdew huma wkoll isawwru kliem ġdid mill-kliem li għandna u jibagħtuh lilna biex nifluh. Il-kliem li jkun imsawwar tajjeb inġibuh b'isem il-kittieb.

P. P. SAYDON.